**DISKORS MILL-PRESIDENT TAL ASSOCIATION OF LYCEUM PAST STUDENTS.**

**1 ta' LULJU 2016**

**Rega beda sajf iehor. Sena wara sena, ahna tal-ALPS dejjem norganizzaw ghalikhom dan il-Barbeque Dinner...sabiex qabel il-vaganzi tas-sajf, inkunu nistaw inqattaw lejla flimkien. Illum, ninsabu gewwa din il-Lukanda tant sabiha vicin il-bahar u nawgura li tiehdu gost b'ikel li gie mhejji ghalikhom.**

Ta' mhin isemmi xi ftit mix-xoghol li ghamilna ghalikhom ma tul dawn l-ahhar sitt xhur tas-sena 2016. Bosta minnkhom tiftakru bix-success kbir li kellna fil-Valentine weekend, il-harga kulturali ta Hagar Qim / Mnajdra, / L-Manresa retreat gewwa Ghawdex, hrigna tnejn jew tlieta Newsletters mimlijin informazzjoni w'ahbarijiet, ta' grajjiet li saru jew li ghad iridu jsehhu. Ma nieqfu qatt... nippreparaw avvenimenti godda w'differenti sabiex naghmlu lill ALPS, **Aktar innovattiva**/ **Aktar Efficjenti** / **Aktar moderna**/ **Aktar attraenti ghalikhom** kif ukoll ghall familjari w'hbieb taghkhom. Ninsabu fiducjuzi li dak li nippreparaw qed ikun ta sodisfazzjon ghalikhom. Il-fatt li narawkhom tippartecipaw ghal dak li nhejju ghalikhom, dejjem f-numru kbir ta' partecipanti, huwa ta' sodisfazzjon kbir ghalina u jimlina b'izjed kuragg.

Fi ftit gimghat ohra, jiena ser immur ma numru mdaqqas ta nies li ghogobhom jibbukkjaw ghal **GRAND REUNION li ser isir gewwa Toronto fil Kanada.** Ghanda tkun success iehor ghalina tal-ALPS. Nghidulkhom fik morna, meta niritornaw lura Malta jekk Alla jrid, wara d'9 ta Settembru li gej.

Imiss issa wara dan il Barbeque, l-Ahhar avveniment qabel ma nieqfu ghal vaganzi tas-sajf. Din ser tkun il-**FESTA SANT ANNA fil-Pwales nhar i-sibt 9 ta Lulju 2016.** Ejjew u hudu pjacir.Ikun hemm quddiesa fis-7 ta fil-ghaxija u wara 'mbaghad ikollna riceviment zghir fuq iz-zuntier tal-istess kappella. Hsibnilkhom ukoll ghal trasport li jtella nies minn fejn il-parking area tal-Pwales sa fuq,……………hdejn il-Kappella.. ( b'mini van zghir li jghaddi mill-passagg dejjaq).

Kif tghaddi l-festa hemm xogholijiet kbar li jridu jsiru sabiex inkomplu nsebbhu w'nippreservaw din il-kappella antika qalb l-ghelieqi..Verament storika u ghalhekk jinhtiegu tiswijiet specjalizzati sabiex ma nitilfu xejn mill-karatterisika… t' antikita li ghandu dan il-post.

Ghandna bzonn somma flus sabiex inhallsu ghal dawn ix-xogholijiet. Ghalhekk forsi diga rajtu, bosta hampers li jridu jintrebhu 'llum stess.   Ghawn nixtieq nghidilkhom cajta zghira---

**Hemm ahbar tajba u ahbar hazina ……l-ahbar it tajba hija,**   li ghandkhom tkunu tafu**, li l'ALPS jista jkolla flus bizzejjed** biex taghmel ix-xogholijiet fil-kappella tal-Pwales**….izda l-ahbar il-hazina hija**,……..**li dawn il -flus ghadhom fil-bwiet taghkom**. Ghalhekk, qieghed nappella lilkhom ghawn migbura, sabiex tissapportjawna, billi tixtru hafna billjetti ghal-RAFFLES. Ghandkhom hafna chances...Sahansitra gibna rigali minn ghand din l-istess lukanda, li gentilment offriet week-end break u lunches ghal dawk li ser ikunu ' xxurtjati li jaghzjlu ta l-ewwel. Meta jigu hdejkhom ibieghu il-biljetti, kunu hafna generuzi ma l'-Ghaqda ex-Studenti LICEO ( ALPS), halli nwettqu dak li bdejna fil-Kapella tal-Pwales.

Qabel naghlaq,i rrid nirringrazzjakhom talli gejtu...u nispera li din il-lejla sajfija thalli memorji sbieh lill kull wiehed u wahda minnkhom. Nawguralkhom il-BARBEQUE it-Tajjeb../ Vaganzi sajfin mill-isbah, kif ukoll hafna Sahha,

Barka w-Sliema..

Grazzi Hafna.